**161. Il-Prim Ministru, l-Onor. Dom Mintoff, jipproponi din ir-Riżoluzzjoni:**

## BEJGĦ TA’ PORZJON TA’ ART F’TA’ ĠIORNI LILL-GVERN TAL-GAMAĦARIJA GĦARBIJA LIBJAN, POPOLARI SOĊJALISTA

Billi l-gvern tar-Repubbblika ta’ Malta beħsiebu jbiegħ lill-Gvern tal-Ġamaħarija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista, il-porzjon ta’ Art f’Ta’ Giorni, San Ġiljan, deskritta aħjar fl-Abbozz ta’ kuntratt imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, bil-prezz u taħt il-kondizzjonijiet li jinsabu fl-istess abozz;

U billi huwa maħsub fil-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) ta’ l-artikolu 3 ta’ l-Att ta’ l-1976 dwar it-Trasferiment ta’ Artijiet tal-Gvern jew amministrata minnu tista’ tiġi trasferita "skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati li tkun fis-sehh fil-ħin tat-Trasferiment";

U billi huwa xieraq li t-trasferiment fuq imsemmi jsir skond riżoluzzjoni speċjali tal-Kamra tad-Deputati;

Għalhekk huwa b’dan riżolut li l-porzjon ta’ Art f’Ta’ Giorni, San Giljan jista’ jiġi mibjugh lill-Gvern tal-Ġamaħarija Għarbija Libjana Popolari Soċjalista versu l-prezz u taħt il-kondizzjonijiet imsemmija fl-abbozz li jinsab imqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra.

12.01.1979